# JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS 2003

Educational Assessment Unit - Education Division

**FORM 2** **SOCIAL STUDIES** **TIME: 1hr 30mins**

Name: ________________________________ Class: _______________

**Taqsima A**

**Imla l-vojt b'dawn il-kliem.**

Identita' personali, karta ta' l-identita', proċess ta' soċjalizzazzjoni, gruppi soċjali, kultura, Ġnus Magħquda, Fondazzjoni Patrimonju Malti, Parlament, sens ċiviku, globalizzazzjoni.

1 Il-_______________________________________ hija mezz biex turi int min int.

2 Il-karattru, l-aspett fiżiku huma parti mill-_________________ tiegħek.

3 Komunitajiet reliġjużi, ċivili, u assoċjazzjonijiet professjonali huma ___________________.

4 Li nieħdu parti f'għaqdiet u nirbħu l-egoiżmu w s-solitudni, u nitgħallmu normi soċjali nkunu qegħdin fil-__________________________________.

5 Il-"headquarters" tal-_____________________ huwa New York.

6 Kull pajjiż huwa marbut mal-________________ li tagħtih identita' nazzjonali.

7 _________________________________ hija għaqda nazzjonali li taħdem b'riżq il-wirt kulturali Malti.

8 Is-_______________________ jgħallimna li għandu jkollna apprezzament ta' l-identita' Maltija u impenn soċjali.

9 Il-____________________ Malti jiġi elett kull ħames snin mill-poplu Malti.

10 Minħabba l-effett tal-_____________________________________ Malta għandha rabtiet qawwija mal-kumplament tad-dinja.

**Total 10 marki.**

**Taqsima B**

**Qabbel lista A ma' lista B**

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1 | Mezzi ta' l-informatika | | Qrati, l-edukazzjoni, sistema politika |
| 2 | Interdipendenza | | Ġnus Magħquda, Kunsill ta' l-Ewropa. |
| 3 | Multi-kulturaliżmu | | Li kulħadd jiġi stmat indaqs. |
| 4 | Istituzzjonijiet soċjali | | Meta l-bnedmin u n-nazzjonijiet jiddependu minn xulxin |
| 5 | Solidarjeta' | | Greenpeace, Birdlife, Eco. |
| 6 | Għaqdiet internazzjonali | | Edukazzjoni formali li tagħti dritt ta' edukazzjoni lil kulħadd. |
| 7 | Għaqdiet ambjentali | | Tempji storiċi, lingwa, tradizzjonijiet. |
| 8 | ġustizzja | | Għajnuna materjali u spiritwali lil kull min għandu bżonn. |
| 9 | Wirt kulturali | | Internet, kompjuters. |
| 10 | Sistema edukattiva | | Meta f'soċjeta' jkun hemm aktar minn kutura waħda. |

## Taqsima Ċ

**<u>Aħdem din it-tisliba</u>**




### Weqfin

1 Sistema edukattiva bbażata fuq l-iskola.

2 Skejjel tas-Snajja' huma parti minn edukazzjoni_____________.

3 Wara l-iskola sekondarja student jista' jkompli l-_____________________.

4 L-iskola obbligatorja hija sa_________________-il sena.

### Mimdudin

5 Meta wieħed jattendi L-Insititute for Tourism Studies, School of Hairdressing and Beauty Therapy, Pre-Vocational u n-Nautical School ngħidu qiegħed jieħu edukazzjoni ___________________.

6 Ġ. Franġisk Abela Junior Lyceum, Paolino Vassallo School of Banking huma parti mill-edukazzjoni ______________.

7 Illum fl-edukazzjoni qed tingħata importanza kbira lill-___________________minħabba l-użu tal-kompjuters u mezzi oħra ta' komunikazzjoni

8 L-iskola nitgħallmu n-_______________ta' mġiba li huma l-qofol tal-ħajja soċjali.

9 Minn year 1 sa year 6 l-istudenti jkunu għadhom l-iskola _____________.

10 Il-_____________________ tibda mill-eta' ta' tliet snin.

**Total 10 marki.**

**Taqsima D**
**Aqra din is-silta u wieġeb fl-ispazju pprovdut.**

Il-familja hi l-iżgħar grupp soċjali. Il-gruppi soċjali jiffurmaw soċjeta', jiġifieri n-nies ifittxu li jgħinu lil xulxin, li jtejbu l-qagħda tagħhom u għandhom bosta drawwiet, twemmin u valuri komuni. Fil-gruppi soċjali niltaqgħu f'okkażjonijiet ta' ferħ u ta' niket. Aktar ma nkunu żviluppati aktar nifhmu x'inhu s-sehem tagħna fil-ħajja. Nitgħallmu nagħrfu r-rwol tagħna u nitgħallmu n-normi.

1 Għaliex il-bniedem għandu bżonn li jkun fi gruppi?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**2 marki**

2a Xi tfisser il-kelma grupp soċjali? Agħti 2 eżempji ta' gruppi soċjali differenti.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**4 marki**

2b Agħżel grupp soċjali u ikteb dwar ir-rwol tiegħu fis-soċjeta'.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**4 marki**

3 X'tip ta' proċess ikun qed iseħħ fil-grupp fejn jiġu mgħallma n-normi soċjali?

______________________________________________

**2 marki**

4 Semmi erba' vantaġġi li wieħed jikseb meta jkun fil-grupp.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**4 marki**

5. Xi tfisser il-kelma "normi"? Agħti eżempji ta' 2 normi tas-soċjeta'.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**4 marki**

6. Fi grupp dejjem issib lil xi ħadd li jipprova juża l-poter tiegħu aktar milli suppost. Kieku int qiegħed / qiegħda fi grupp bħal dan, kif tipprova tirranġa s-sitwazzjoni.?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

**5 marki**

**Total 25 marka.**

**Taqsima E**

**<u>Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fl-ispazju pprovdut.</u>**

1 X'differenza tgħaddi bejn identita' personali u identita' soċjali?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

**4 marki**

2 Għaliex il-bniedem ma jistax jissodisfa l-bżonnijiet kollha tiegħu waħdu?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

**2 marki**

3 Bħala żgħażagħ kif tistgħu tgħinu lill-kunsilli lokali?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

**2 marki**

4 Agħti l-isem ta' għaqda volontarja.

_______________________________________________

**marka**

5 Ikteb erba' sentenzi dwar ix-xogħol ta' din l-għaqda fis-soċjeta'.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

**4 marki**

6 Semmi istituzzjoni li toffri taħriġ lill-ħaddiema.

_______________________________________________

**marka**

7 Il-proċess meta nitgħallmu normi ta' mġiba, il-valuri tas-soċjeta' u l-kultura tal-pajjiż jissejjaħ________________. **marka.**

**Total 15 -il marka**

**Taqsima F**

**<u>Agħżel wieħed minn dawn u ikteb paragrafu ta' għaxar sentenzi.</u>**

1 Il-Ġnus Magħquda u l-Paċi fid-Dinja.
2 Il-Kunsill ta' L-Ewropa.
3 L-Għaqda tas-Salib Aħmar.

**Total 10 marki.**

**Taqsima Ġ**

**<u>Agħżel wieħed minn dawn u ikteb bejn 150-200 kelma.</u>**

1 Il-vantaġġi meta nkunu fi grupp.
2 L-importanza ta' l-edukazzjoni fid-dinja ta' l-informatika.
3 Is-soċjeta' Maltija hija konxja mill-wirt kulturali? Iddiskuti.

**Total 20 marka.**